MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 396/2003

**Bank of Valletta p.l.c**
**Vs**
**Fiona Baldacchino**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li bih s-socjeta' attrici ippremettiet: illi kkoncedit facilitajiet bankarji lill-konvenuta Fiona Baldacchino;

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuta Fiona Baldacchino fis-somma ta' ghaxart elef u tnejn u sebghin liri Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (LM 10,072.27) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Fiona Baldacchino mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1 sa A4", "B1 sa B3", u "C1 sa C3") flimkien ma l-imghax ulterjuri mill-1 ta' April, 2003 sad-data ta' l-effettiv pagamenti;

Illi l-konvenuta giet interpellata permezz ta’ ittra ufficjali datata 30 ta’ Jannar 2003 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok ‘D’, sabiex thallas id-dejn fuq imsemmi, izda din baqghet inadempjenti;

Tghid l-konvenuta ghaliex m’ghandiex din il-Qorti :

1. Tikkundanna lil Fiona Baldacchino thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ ghaxart elef u tnejn u sebghin liri Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm 10,072.27) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Accounts” ta’ Fiona Baldacchino mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “A1 sa A4”, “B1 sa B3”, u “C1 sa C3”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 t’April, 2003 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 30 ta’ Jannar, 2003 u tal-Mandati ta’ sekwestru ta’ qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuta li hija ngunta minn issa sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta’ tas-socjeta attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuta li naqaset li tipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta’ tas-socjeta’ attrici;

Semghet l-Avukat ta’ tas-socjeta’ attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenuta tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------